

# Inkomplu insebbħu l-parroċċa u t-tempju tas-Salvatur



Kan. Joseph Cilia

Għaddiet sena oħra mill-aħħar festa u bħal kull sena nagħtikom dan il-messaġġ tiegħi dwar dak li sar matul din is-sena. Inħossni obbligat u fl-istess ħin onorat li nagħmel dan, għax intom għandkom tkunu tafu x'qegħdin nagħmlu u x'qiegħed isir u jien inħossni onorat għax naf li intom tapprezzaw. F'dak li hu pastorali, qegħdin jien mas-saċerdoti tagħna nagħmlu l-aħjar li nistgħu li nkunu ta' servizz għalikom minkejja li qegħdin ftit. Minkejja l-limitazzjoni tagħna imma bqajna noffru u nagħmlu kollox bla ma naqqasna xejn. Imma bilfors ikun hemm mumenti fejn wieħed ma jistax ilaħħaq ma' żewġ affarijiet f'daqqa. Tafu intom li ħafna affarijiet u xogħol huma responsabbilta' tal-Kappillan, imma fl-istess ħin kultant ikollok tħalli xi ħidma partikolari, għax ikun hemm affarijiet oħra aktar urġenti. Tul is-sebgħa ġimgħat tat-tberik bilfors li l-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali kienu aktar limitati. Ikkompatuna meta mhux dejjem konna ta' servizz fil-pront minħabba mpenji pastorali oħra. Komplejna inwettqu ħidma pastorali ma' kulħadd għaliex dan hu l-iskop ewlieni tal-Knisja, li tkun qrib tan-nies fil-ħidma pastorali tagħha.

Wara l-festa l-oħra erġajna bdejna ż-żmien ta' matul is-sena u għalhekk erġajna bdejna bir-rutina tagħna wkoll fil-ħidma ta' restawr fil-knisja. Rajna jerġa' jintrama l-iscafolding mas-saqaf tal-knisja fil-kappellun tar-Rużarju biex jekk Alla jrid tibda din l-aħħar fażi minn dan il-proġett **tar-restawr tal-pittura tas-saqaf tal-knisja**. Ilu ftit dan il-proġett delikat għaddej li jitlob minna enerġija għax jinvolvi flus u xogħol. Proġett li jitlob sagrifiċċju speċjalment ix-xogħol volontarju tal-armar u żarmar tal-iscafolding. Wara tmien xhur ta' ħidma fuq dan l-aħħar kappellun, illum qiegħdin nammiraw ix-xogħol komplut u lest mir-restawr tal-pittura tas-saqaf. Matul dawn l-aħħar tlett snin tkompla x-xogħol fuq dan il-proġett ta' restawr fejn

sar xogħol fis-saqaf tal-kor u l-arzella, fil-kappellun tal-Kurċifiss u l-arzella u din l-aħħar sena, fil-kappellun tar-Rużarju u l-arzella tiegħu. Kienu tlett fażijiet li għall-grazzja t'Alla bl-għajnuna ta' kulħadd irnexxielna nlestuhom fi tlett snin. L-aħħar fażi li tkompliet matul din is-sena fil-kappellun tar-Rużarju sar restwar fuq l-arzella li tirrappreżenta d-diskors ta' Ġesu' fuq il-muntajna, xogħol ta' Nazju Cortis u sar restawr fuq is-saqaf li jirrappreżenta l-laqgħa ta' Ġesu' ma' Pietru, xogħol ta' Rafel Bonnici Cali li kien sar fis-sebgħinijiet. Nafu li l-pittura ta' dan il-kappellun kienet saret fuq l-injam minħabba l-ħsara konsiderevoli li kien hemm fil-pittura oriġinali mpittra minn Ġużeppi Cali. Kienet saret kopja tagħha minn Rafel Bonnici Cali fuq l-injam. Issa sar restawr fuq dan l-aħħar intervent.

Proġett ieħor li sar huwa **t-tkomplija taż-żebgħa u l-induratura fil-knisja**. Wara l-festa intrama l-iscafolding fil-kappellun tal-Kurċifiss. Wara li s-sena l-oħra tlesta r-restawr tas-saqaf ta' dan il-kappellun, issa kien imiss ix-xogħol miċ-ċinta l-isfel, bħalma sar fil-korsija u fil-kor tal-knisja. Bħalma għamilna fil-kor tal-knisja, żgur li l-induratura tal-kappelluni trid issir mill-ġdid għaliex m'hemmx x'tirrestawra, anzi kif kulħadd jaf li l-prospettivi tal-kappelluni tal-Kurċifiss u tar-Rużarju swiedu mmens. Għaldaqstant, saret **l-indurata bid-deheb** tad-dekorazzjoni kollha mill-ġdid fuq l-artal tal-Kurċifiss. L-iskultura li żżejjen l-artal ta' Santu Rokku li jinsab ukoll f'dan il-kappellun tal-Kurċifiss, kellha ssir induratura bit-teknika magħrufa bħala fuq l-imbornit kif kienet fl-oriġinal. Fuq dan l-istess artal tneħħew iż-żewġ figuri ta' anġli biex l-attenzjoni taqa' fuq il-kwardu ewlieni ta' fuq l-artal li huwa xogħol Ġużeppi d'Arena. Il-figuri ta' l-anġli xogħol ħafna aktar reċenti mill-kwadru ewlieni ta' dan l-artal, ġew ippreservati fil-mużew tal-knisja. Minflok dawn l-anġli saret **dekorazzjoni f'kompożizzjoni mill-injam ta' ornamenti** li jikkumplementaw mal-prospettivi li hemm fil-knisja. Hu maħsub li minħabba l-istil li hemm fl-arzella ta' dan l-artal, b'din id-dekorazzjoni qed noqorbu ħafna lejn l-oriġinal. Għal darb'oħra nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-sagristan u l-helpers tiegħu li b'dedikazzjoni u b'mod voluntarju, u għalhekk niffrankaw il-flus, jintrama u jiżżarma l-iscafolding għax-xogħol kollu ta' restawr kemm tas-saqaf u kemm tal-induratura tal-knisja. Minħabba li din is-sena kien għaddej ix-xogħol f'dan il-kappellun, l-artal ta' repożizzjoni (is-Sepulkru) li s-soltu jintrama fuq l-artal ta' Santu Rokku, kellna għal din is-sena narmawh fuq l-artal ta' San Pietru u San Pawl Eremita, fil-korsija. Minkejja li kien armat sabiħ ħafna, imma eventwalment anke minħabba prattiċita', ser jerġa' jintrama fil-post tas-soltu, jiġifieri fuq l-artal ta' Santu Rokku.

Biex nibqgħu f'dan il-kappellun, sar restawr fuq **iż-żewġ sopraporti tal-arkati fil-kappellun tal-Kurċifiss**. Konna bdejna dan il-proġett ta' restawr fuq l-injam kollu li għandna fil-knisja. Kienu tlestew is-sitt sopraporti tal-arkati tal-korsija, iż-żewġ sopraporti tal-arkati tal-kor u din is-sena lestejna tnejn oħra, dawk tal-arkati tal-kappellun tal-Kurċifiss. Baqa' żewġ sopraporti tal-arkati tal-kappellun tar-Rużarju għal wara l-festa. Barra s-sopraporti tal-arkati tal-knisja, konna bdejna r-restawr fuq s-sopraporti uniċi fis-sbuħija u fl-istil tagħhom, tal-erba' bibien tal-knisja li tant kellhom bżonn ta' restawr urġenti. Konna lestejna s-sopraporta tal-bieb il-kbir, tal-bieb ta' San Alwiġi li jinsabu fil-korsija tal-knisja u din is-sena tlestiet it-tielet **sopraporta tal-bieb tal-kappellun tal-Kurċifiss**. Tlestew tlieta u għalhekk fadal l-aħħar sopraporta tal-bieb tal-kappellun tar-Rużarju. Qiegħdin nagħmlu sopraporta kull sena. Sar xogħol ta' restawr u tiswijiet fl-injam tas-sopraporta, billi fejn stajna ħallejna l-induratura l-antika billi sarilha restawr u l-bqija ġiet indurata mill-ġdid. Ma' dawn is-sopraporti komplejna restawr tas-sopraporti tal-bibien laterali tal-knisja. Is-sena l-oħra sar restawr fuq iż-żewġ sopraporti tal-bibien fil-kor, jiġifieri fuq il-bibien tas-sagristiji u din is-sena sar **restawr fuq iż-żewġ sopraporti tal-bibien tal-ġnub tal-artal tal-Kurċifiss**, il-bieb li jagħti għas-sagristija u l-bieb li jagħti għal kamra żgħira. Baqa' li jsiru l-aħħar żewġ sopraporti li qiegħdin fil-kappellun tar-Rużarju. Vera l-kappellun tal-Kurċifiss ħa dehra differenti, kollox restawrat, is-saqaf u l-induratura tad-dekorazzjoni tiegħu flimkien mas-sopraporti li jinsabu fih.

Proġett ieħor ewlieni huwa **r-restawr delikat fuq il-kwadri tal-artali**. Tafu intom li diġa' tlestew diversi kwadri tal-artali tal-korsija, l-kwadru titulari u l-kwadri ovali li jikkumplimentaw l-artal tal-kor. Din is-sena ġie rrestawrat **il-kwadru tal-artal ta' Santu Rokku**, xogħol mill-isbaħ ta' Ġużeppi d'Arena, li qiegħed fuq l-artal fil-kappellun tal-Kurċifiss. Tul din is-sena sar ukoll ix-xogħol fuq **il-kwardu kbir tal-artal tal-Kurċifiss**, xogħol ta' Ġużeppi Cali. Permezz tar-restawr li qiegħed isir fuq dawn il-kwadri, qiegħdin jinkixfu l-kuluri

oriġinali tagħhom wara li jitnadfu b'mod intensiv, delikat u professjonali. Nafu l-bżonn kbir ta' restawr li kien jeħtieġ fuq dawn il-kwadri. Għal dawn il-kwadri saru tilari ġodda ta' l-injam u l-aluminium biex ikunu jifilħu aktar għall-elementi taż-żmien u jipproteġu t-tila.

Mal-kwadru tal-Kurċifiss fil-kappellun sar **tindif u restawr taż-żewġ kwadri ovali tal-ġnub** dawk li jirrapreżentaw l-Evanġelisti San Luqa u San Mattew, it-tnejn attribwiti skola tal-Preti. Sar xogħol intensiv fuqhom minħabba li l-probbabilta' hi li qatt ma nqalgħu minn hemm. It-tilari tagħhom ukoll kellhom isiru ġodda għax biż-żmien issewsu. Flimkien ma' dawn iż-żewġ kwadri sar ukoll **restawr ieħor fuq żewġ kwadri oħra** li kienu oriġinarjament imdendlin fil-Knisja tal-Vitorja (magħrufa bħala tal-Belliegħa). Hemm sett ta' tlett kwadri li huma attribwiti lill-pittur famuż Francesco Zahra. Dawn it-tlett kwadri jirrappreżentaw iż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina ta' Lixandra mal-Bambin Ġesu' f'idejn il-Madonna, li kien iservi bħala t-titular tal-knisja tal-Belliegħa. Kwadru ieħor jirrappreżenta lil San Gejtanu jilqa' fuq dirgħajh lill-Bambin Ġesu' u l-ieħor jirrappreżenta lil San Vinċenz Ferreri. Din is-sena sar restawr fuq żewġ kwadri minn dawn it-tlieta u ser jitpoġġew wieħed, dak taż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina, fuq is-sopraporta tal-bieb ta' San Alwiġi fil-korsija u l-ieħor, dak ta' San Gejtanu, ser jitpoġġa fuq is-sopraporta tal-bieb tal-kappellun tal-Kurċifiss. Wara l-festa jsir ir-restawr fuq it-tielet kwadru, dak ta' San Vinċenz Ferreri li se jitpoġġa fuq is-sopraporta tal-bieb tal-kappellun tar-Rużarju. Saru tlett gwarniċi ġodda għal dawn il-kwadri biex ikunu jistgħu jintużaw fil-knisja. Wieħed jista' jammira s-sbuħija oriġinali u l-ħlewwa ta' l-uċuħ fuq dawn il-kwadri li komplew jagħtu dehra sabiħa lill-knisja. Saru kopji tagħhom irrestawrati biex aktar il-quddiem meta jsir ir-restawr tal-knisja tal-Belliegħa, dawn il-kopji jitpoġġew fiha, biex l-oriġinal jinżamm fil-knisja minħabba sigurta'.

**Tlesta r-restawr fuq il-kwadru ta' Sant Antnin ta' Padova**, flimkien ma' l-induratura tal-gwarniċ tiegħu, li ma laħaqx tlesta s-sena li għaddiet, u għalhekk ser narawh imdendel din is-sena fuq in-nicċa tal-Ecce Homo fil-bieb ta' San Alwiġi. Kopja tiegħu tpoġġiet fil-knisja ta' Santa Marija fejn kien oriġinarjament imdendel, biex il-kwadri li jittieħdu mill-knejjes ż-żgħar ħalli jitpoġġew fil-knisja parrokkjali, dejjem titpoġġa kopja tiegħu minfloku.

Din is-sena peres li sar ir-restawr fil-kappellun tal-Kurċifiss, taħt il-kwadru tal-Kurċifiss ġie mdendel **kwadru rrestawrat li jirrappreżenta lil San Franġisk ta' Assisi**. Ta' min jgħid li dan il-kwadru tant qagħad tajjeb kemm minħabba l-qies preċiż tiegħu fil-gwarniċ eżistenti, kemm minħabba s-suġġett li jirrappreżenta għaliex San Franġisk ta' Assisi rċieva l-pjagi mqaddsa u allura kemm il-darba narawh mal-Kurċifiss, u kemm minħabba li dan il-kwadru huwa xogħol ta' Francesco Zahra, artist rinomat, li jaqbel ma' dak li hemm pariġġu fuq l-artal tar-Rużarju li jirrappreżenta lill-Anġlu Kustodju, xogħol ukoll ta' Francesco Zahra. Għaldaqstant, il-kwadru li konna naraw taħt dak tal-Kurċifiss, jiġifieri ta' San Alwiġi Gonzaga, xogħol ta' artist mhux magħruf, dan ser jiġi ppreżervat fis-sagristija tal-knisja. Il-kwadru ta' San Franġisk huwa xogħol aktar ta' kalibru li jixraq fil-knisja tagħna. Imma biex fil-knisja tibqa' xbieha ta' San Alwiġi Gonzaga li fil-parroċċa tagħna hawn devozzjoni lejh, **inxtara kwadru ovali antik ta' San Alwiġi mpitter fuq il-ħġieġ**, xogħol tajjeb ħafna. Dan ser jiddendel mal-ġenb tal-artal ta' San Alfons. Għall-festa ta' San Alwiġi, dan il-kwadru jitpoġġa u jintrama fuq l-artal. Biex inżommu s-simetrija, **inxtara kwadru ovali ieħor** tal-istess epoka, impitter ukoll fuq il-ħġieġ, kwadru li jirrappreżenta lil Santa Marija Madalena u ser jiddendel fil-ġenb tal-artal tal-Kuċizzjoni. Għal dawn iż-żewġ kwadri saru żewġ gwarniċi ovali ndurati.

Restawr ieħor li għaddej hu fuq **l-artali tal-irħam tal-knisja**. Wara li tlestew ir-restawr fuq l-erbgħa artali tal-korsija, u dak tal-artal tal-Kor, jiġifieri tat-titular, u anke sar restawr fuq xi partijiet mill-artal maġġur, din is-sena sar restawr delikat fuq żewġ artali li jinsabu fil-kappellun tal-Kurċifiss. **Ġie restawrat l-artal tal-Kurċifiss, u l-artal ta' Santu Rokku**. Nafu li biż-żmien u bl-umidita' l-irħam ikollu bżonn ir-restawr. Għalhekk b'dan ir-restawr qiegħda ssir manutenzjoni u tiswija fuq l-irħam kollu ta' l-artali u fejn ikun hemm bżonn ikollu jsir irħam ġdid. Jekk Alla jrid, fadlilna restawr fuq l-aħħar żewġ artali tal-kappellun tar-Rużarju.

Grazzi għall-ġenerożita' ta' diversi individwi, din is-sena inxtraw **żewġ brazzi Venezjani tal-Murano** li huma pariġġ il-linfa sabiħa li kienet inxtrat għas-sagristija. Dawn iż-żewġ brazzi qiegħdin jintużaw fuq il-presbiterju mal-artal maġġur għal xi festa ta' matul is-sena. Posthom hu

fis-sagristija biex ikunu pariġġ il-linfa. Fi żmien il-festa, wieħed jista' jammirahom armati fis-sagristija. Għal dawn il-brazzi saru wkoll żewġ plakki tal-injam bħala bażi għalihom.

Kull sena qegħdin jiġu mżanżna **sett ta' fjuretti ġodda tal-ganutell** magħmula b'sengħa kbira għall-artali tal-knisja, u ma' dawn qegħdin jiġu **restawrati l-vażuni antiki tal-alabastru** għax dawn aktar jixirqu mal-knisja tagħna. Din is-sena ġie mibdi sett ta' fjuretti bil-vażuni magħhom għall-artal tal-Kurċifiss. Il-fjuretti ta' dan l-artal huma sett imdaqqas, kważi daqs tal-maġġur, għaliex huwa wieħed mill-erbgħa artali kbar tal-knisja. Nafu kemm ix-xogħol fuq dawn il-fjuretti tal-ganutell qiegħed isir bir-reqqa, u qegħdin ilibsu l-artali fil-festa b'mod eleganti.

Din is-sena komplejna ukoll bir-**restawr fuq settijiet ta' gandlieri tal-injam**. Wara li s-sena li għaddiet ġew restawrati u ndurati mill-ġdid is-sett ta' gandlieri tas-sekonda u ż-żgħar bħala terza li jintużaw fil-festa tal-Qalb ta' Ġesu' fuq l-artal maġġur, din is-sena tlestew is-sitt gandlieri l-kbar ta' dan is-sett għax minkejja li inbeda x-xogħol fuqhom is-sena li għaddiet, imma tlestew din is-sena. Sarilhom restawr u induratura mill-ġdid. Għal żmien il-festa tas-Salvatur dawn it-tliet settijiet gandlieri ser jibdew jintużaw billi bdejna mis-sena li għaddiet narmaw is-sekonda u t-terza fuq l-artal tat-titular, biex jibda jintrama bi tnax u l-kbar ser jibdew jintramaw, minn din is-sena, mal-vara tas-Salvatur. Għal dawn it-tmintax-il gandlier saru **tmintax-il plattin tal-metal** biex jikkumplimentaw lilhom. Sar **restawr ukoll fuq żewġ settijiet ta' gandlieri** li jintramaw għall-festa fuq l-artali tal-Immakulata Kunċizzjoni u ta' San Alfons. Barra minn dawn, ġew **indurati mill-ġdid is-sett gandlieri tal-artal tal-Madonna tal-Karmnu** li jekk ma jkunx lest għal din il-festa, jiżżanżnu s-sena ddieħla. B'hekk nistgħu ngħidu li l-attrezzatura tal-artali kollha tal-knisja għall-festa tas-Salvatur se tkun kompluta.

Xogħol ieħor li sar hu **ż-żebgħa fuq iċ-ċinta tal-kappellun tar-Rużarju** wara li tlesta mir-restawr tal-pittura, sar dawl ġdid u ġew miżbugħa mill-ġdid u bi ħġieġ mibdul iż-żewġ twieqi tal-kappellun kif sar fil-knisja kollha. B'hekk issa għandna t-twieqi kollha tal-knisja lesti fejn ħadu dawra tajba billi ġew maħruqa mill-ġdid fuq l-injam, imbidel il-ħġieġ kollu u ġew miżbugħa mill-ġdid.

Wara li s-sena li għaddiet inxtrat **statwa antika tal-kartapesta fuq stil Naplitan li tirrappreżenta lil San Ġużepp**, statwa sabiħa ta' l-epoka tal-1800, din is-sena sar ir-restawr delikat fuq din l-istatwa. Verament sar intervent tajjeb ħafna u professjonali fejn ħarġet ferm tajjeb l-espressjoni ta' San Ġużepp u l-Bambin. Wara li tpoġġiet d-**dijadema antika** mmartellata li nxtrat is-sena li għaddiet fuq ras San Ġużepp, din l-istatwa tpoġġiet f'**niċċa ġdida tal-**





**kewba** li tlestiet din is-sena. In-niċċa tqiegħdet f'wieħed mill-bibien tal-kappellun tal-Kurċifiss, faċċata tal-bieb li jagħti għas-sagristija, li filwaqt li żammejna xorta l-bieb eżistenti, ġie utilizzat biex iservi bħala ġnub tan-niċċa. In-niċċa saret bir-roti biex il-kamra tibqa' tintuża bħala store. L-istil tan-niċċa sar simili tan-niċċa li għandna fil-korsija, dik tal-Madonna tar-Rużarju. Fil-futur hemm il-ħsieb li ssir niċċa oħra n-naħa l-oħra bl-istess stil u titpoġġa fil-bieb tal-kappellun tar-Rużarju biex f'din in-niċċa npoġġu l-istatwa antika tal-Madonna skolpita fl-injam li għandna fil-knisja l-qadima tas-Salvatur biex hekk din l-istatwa terġa' tieħu l-ħajja.

Din is-sena inxtara **relikwarju kbir tal-fidda bir-relikwiji tal-qaddisin**. Dan intuża fil-festa tal-qaddisin kollha flimkien maż-żewġ relikwarji kbar tal-injam li nxtraw is-sena li għaddiet. Dan ir-relikwarju se jintuża ukoll bħala ornament fil-festa tas-Salvatur. Dawn ir-relikwarji għandhom stil uniku, u jaqblu ma' l-istil li għandna fil-knisja tagħna. Barra dan ta' min jgħid ukoll li dawn ir-relikwarji huma oġġetti prezzjużi ta' mużew.

Inxtraw **żewġ gradenzi antiki interzjati** biex jitpoġġew fil-kappella tas-sagristija. Huma par gradenzi sbieħ u eleganti u anke bżonnjużi biex fihom jitpoġġew l-imkatar u l-purifikaturi li jintużaw għall-quddies. Huma ddekorati b'disinji u fjuri fl-interzjar b'użu ta' injam varjat. Xerqu ħafna fejn tpoġġew għaliex bqajna ma' l-istess stil ta' l-abbiljament tas-sagristija tal-knisja.

Inxtrat ukoll **niċċa antika ndurata**, kollha skolpita fl-injam biex titpoġġa faċċata tal-pupltu għal matul is-sena. Għal din in-niċċa sar pedestal irħamat jaqbel maz-zoklu tal-knisja. Hija niċċa ħelwa u fiha se titqiegħed **statwa antika tal-Immakulata Kunċizzjoni**, xogħol fl-injam li ġiet irregalata lill-knisja mis-saċerdot Patri Salv Galea O.P., saċerdot minn Ħal Lija. Fil-ġranet tal-festa, din in-niċċa se tkun armata fis-sagristija minħabba li faċċata tal-pulptu tkun armata x-xbieha tas-Salvatur. Ta' min jgħid ukoll li Patri Salv għoġbu jagħti lill-knisja żewġ gandlieri oħra tal-bronż għal fuq l-artal mejda biex jintużaw għal waqt il-liturġija.

Inxtraw ukoll **par "lustres" antiki ta' ħġieġ aħmar dehbieni** u ddekorati b'disinji sbieħ, biex jintużaw fuq l-artal għall-festi. Huma sbieħ, eleganti u addattati ħafna u se jkomplu jsebħu l-knisja tagħna.

Matul din is-sena kellna benefattur li għoġbu jirregala **tapit imdaqqas**, antik u ta' preġju kbir għaliex huwa magħmul bl-idejn bit-teknika antika kif inhuma magħrufa t-twapet ta' Abouson. Huwa tapit iċċertifikat li huwa ta' Abouson. Dan it-tapit,



kif inhu xieraq, ġie imnaddaf u tpoġġa fl-aktar post prominenti, fuq il-presbiterju għall-artal maġġur. Ovvjament għaliex huwa l-artal ewlieni u anke biex ma tantx jintrifes mis-saqajn għaliex huwa tapit fin.

Kellna wkoll donazzjoni ta' **Bambin tal-Milied magħmul mix-xemgħa** għall-knisja. Dan il-Bambin qiegħed ġo urna antika, huwa liebes il-kappell u għalhekk huwa magħruf bħala l-Bambin pellegrin.

Dan qiegħed jiġi rrestawrat biex imbagħad jitpoġġa fil-knisja kif inhu xieraq.

Għall-festa tas-sena l-oħra, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Charles J. Scicluna, l-Arċisqof tagħna, għoġbu jirregala **salib u ċurkett episkopali** personali tiegħu biex jitpoġġew fuq ix-xbieha għażiża ta' Ġesu' Salvatur. Huma salib u ċurkett maħdumin fid-deheb bit-teknika tal-granspinat u mżejjnin b'ħaġar prezzjuż. Is-salib huwa wkoll relikwija fih innifsu għaliex iġorr fih relikwija tas-Salib Imqaddes. Dawn qegħdin jintlibsu fuq il-vara għall-ġranet tal-festa u verament hija għotja sabiħa li kompliet sebħet il-vara maestuża tas-Salvatur.

Bħalma s-sena l-oħra kien inqala' l-bżonn ta' **orgni ġdid** fil-knisja parrokkjali u mmedjatament ftit wara l-festa wasal l-orgni għall-knisja, din is-sena nħasset il-ħtieġa urġenti li ikollna sistema tajba ta' siġurta' fil-knisja. Sar **proġett sħiħ ta' sett ta' cameras** mifruxin mal-knisja kollha fuq barra u fuq ġewwa kif ukoll **sistema ta' alarm fil-knisja**. Bħala proġett sħiħ barra is-sistema li saret fil-knisja ġiet installata ukoll sistema ta' cameras u alarm fid-dar u fl-uffiċċju parrokkjali.

Inxtraw ukoll **fanijiet** oħra għall-knisja parrokkjali biex jiżdiedu mas-sett ta' fanijiet li nxtraw is-sena li għaddiet għall-knisja kollha.

Wara li s-sena li għaddiet tlesta x-xogħol ta' **restawr fil-knisja tal-Madonna tal-Mirakli** fuq barra, bdejna x-xogħol preparatorju u stimi biex naħsbu fuq proġett sħiħ ta' restawr fuq ġewwa tal-knisja, qiegħed nirreferi għaż-żebgħa u l-induratura tal-knisja. Nafu li hemm bżonn li jsir restawr fuq din il-knisja minn ġewwa. Żgur li bħala proġett




huwa bżonnjuż u qiegħed fil-pjanijiet tagħna.

Nixtieq nitkellem ukoll fuq il-proġett li ħdimna fuqu matul din is-sena fiċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, billi beda u miexi sew **il-proġett tal-kompartamenti tal-irħam fiċ-ċimiterju**. Irnexxielna b'dan il-proġett intaffu mill-problema ta' spazju għad-dfin ta' l-għeżież tagħna, fejn ħafna mill-fdalijiet tal-mejtin f'dan iċ-ċimiterju qiegħdin jiġu trasportati fl-ossarji mibnija ġodda. Għaldqastant sar ħafna xogħol u għad fadal ħafna xi jsir. Komplejna bix-**xogħol fiċ-ċimiterju** bħala manutenzjoni kontinwa u hawn mill-ġdid nixtieq nirringrazzja lis-Sur Joseph Mary Mangion u l-familja tiegħu. Il-ħsieb hu li f'din is-sena li ġejja jibda x-xogħol ta' restawr fuq il-kappella u d-dekorazzjoni tagħha. Nistgħu ngħidu li ċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, dan l-aħħar żmien ħa dehra differenti.



Kif qegħdin taraw, sena għaddiet bħal ħolma u dan għaliex kienet mimlija bi twettiq ta' pjanijiet fuq diversi proġetti li jqumu eluf ta' Euro li nidħlu għalihom grazzi għall-ġenerożita' ta' kulħadd. Ma nistgħux nagħmlu dan kollu mingħajr l-għajnuna tagħkom ilkoll. Nirringrazzja lil kulħadd, lill-benefatturi li wħud minnhom ma jixtiequx juru min huma. Nirringrazzja lilkom ilkoll tad-donazzjoni li tagħtu waqt il-ġbir li jkollna fil-knisja li li kif navżakom kull xahar, dejjem żammejna ritmu tajjeb fil-ġabra li nagħmlu. Dak li tajtu jidher żgur fid-diversi proġetti li saru li filwaqt li baqa' għaddej il-proġett tar-restawr tal-pittura tas-saqaf, saru ħafna xogħolijiet oħra ta' bżonn. Biżżejjed iżżur il-knisja fil-ġranet tal-festa u tinnota bil-ħafna xogħol ta' restawr u opri ġodda li komplew isebbħu t-tempju tagħna. Dan huwa ċertifikat tal-apprezzament u l-fiduċja li wrejtuni f'dan iż-żmien li ili magħkom. Nitlobkom u tagħtuni u sakemm tibqgħu tagħtuni, nibqa' nwettaq.

Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jgħinuna meta nagħmlu lotteriji, il-bazaar, il-ħarġiet li nagħmlu, ix-xogħol b'xejn meta nitolbukom biex nagħmlu xi ħaġa, x-xogħol voluntarju bħala manutenzjoni u tindif fil-knisja parrokkjali, fil-knejjes l-oħra tal-parroċċa, fiċ-ċimiterju, fis-Sala Villa Lija, fis-Sala tal-Mirakli, ix-xogħol fl-uffiċċju parrokkjali, u fl-andament kollu tal-parroċċa. Grazzi speċjali lis-sagristan lis-Sur Aaron Cuschieri, tal-paċenzja li jieħu bija bħala Kappillan li tul dawn it-tliet snin, għax jien fuq dawn it-tliet snin nista' nitkellem, dejjem ħabbrek miegħi biex dak li nkun nixtieq inwettaq, mhux jaqtgħali qalbi imma jirsisti biex nagħmluh.

Kien hemm mumenti fejn b'konsegwenza ta' ħafna xogħol li jkun qed isir ikollna tensjoni anke minħabba t-trab li jinqala' u li fi ftit ġranet irid jitnaddaf kollox minħabba l-quddies tas-Sibt u l-Ħadd.

Il-knisja inħobbuha għax hija d-dar ta' Alla, u ngħożżu dak li għandna billi nagħtu l-aħjar u l-aqwa lit-tempju tas-Salvatur. Grazzi lilkom ilkoll u Ġesu' Salvatur iberikna lkoll.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.